**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 377/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Shaunvic Felice**

**Illum 1 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Shaunvic Felice ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Antoinette neè Camilleri, imwieled il-Pietà nhar il-11 ta' Diċembru 1989, residenti ġewwa Blk 13, Fl 7, Pjazza Monsinjur P.P. Psaila, Qormi, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0012990(M), talli:

Nhar it-18 ta' Lulju 2022 u fil-ġranet ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa Qormi u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tan-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri, liema reat twettaq ripetutament, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 251(1), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(iii)(v)(vii)(j) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli matul il-lejl tas-17 ta' Lulju 2022 u s-siegħat bikrin ta' filgħodu tat-18 ta' Lulju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 21:00hrs u 03:00hrs ġewwa Qormi u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tan-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri, f'periklu ċar, volontarjament kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq in-nanna tiegħu Frances Camilleri, hekk kif iċċertifika Dr. Glenn Garzia, Med. Reg. No. 3226, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 214, 221(1), 222(1)(a), 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ħebb kontra n-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil nanntu Frances Camilleri, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Għamel inġurji jew tħeddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lin-nanna tiegħu, u cioè Frances Camilleri jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè tazzi u vażuni, liema ħsara tammonta għal anqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu tan-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (1) f'każ ta' ħtija l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; sabiex (2) il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Shaunvic Felice a benefiċċju ta' Frances Camilleri u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Lġijiet ta' Malta; sabiex (3) toħroġ Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; sabiex (4) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tipprovdi għas-sigurta ta' Frances Camilleri jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, u flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Shaunvic Felice billi tapplika l-Artikoli 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Shaunvic Felice b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; u sabiex (5) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, il-Qorti tordna li Shaunvic Felice iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia: Dikjarazzjoni ta' Frances Camilleri fejn tagħti l-kunsens sabiex jittieħdulha xi ritratti - Dok. A; Dikjarazzjoni ta' l-imputat ta' Rifjut ta' Assistenza Legali qabel u/jew waqt l-interrogazzjoni - Dok. B; Fedina Penali ta' l-imputat - Dok. C; Personal Details Form ta' l-imputat - Dok. D; Rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ - Dok. E; Ċertifikat mediku relattiv għal Frances Camilleri - Dok. F; u Stqarrija ta' l-imputat permezz tas-sistema awdjo viżwali - Dok. G;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat a benefiċċju ta' Frances Camilleri, datat 18 ta' Lulju 2022;

Rat l-atti kollha tal-kawża;
**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-18 ta' Lulju 2022 u fil-ġranet ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa Qormi u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Użа vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tan-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri, liema reat twettaq ripetutament, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 251(1),

251H(a)(b), 251HA, 202(h)(iii)(v)(vii)(j) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; U aktar talli matul il-lejl tas-17 ta' Lulju 2022 u s-siegħat bikrin ta' filgħodu tat-18 ta' Lulju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 21:00hrs u 03:00hrs ġewwa Qormi u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: (2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tan-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri, f'periklu ċar, volontarjament kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura ħafifa fuq in-nanna tiegħu Frances Camilleri, hekk kif iċċertifika Dr. Glenn Garzia, Med. Reg. No. 3226, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 214, 221(1), 222(1)(a), 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Ħebb kontra n-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil nanntu Frances Camilleri, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) Għamel inġurji jew tħeddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lin-nanna tiegħu, u cioè Frances Camilleri jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè tazzi u vażuni, liema ħsara tammonta għal anqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu tan-nanna tiegħu u cioè Frances Camilleri, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li mis-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża jirriżulta li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jikkontrolla r-rabja tiegħu kif ukoll għall-vizzju tad-droga li huwa għandu.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 202(h)(iii)(v)(vii)(j), 214, 221(1), 222(1)(a), 251(1), 251H(a)(b), 251HA, 339(1)(d)(e) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jikkontrolla r-rabja tiegħu kif ukoll għall-vizzju tad-droga li huwa għandu, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta 'reati oħra da parte ta 'l-istess imputat, is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Peress illi l-imputat għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jikkontrolla r-rabja tiegħu kif ukoll għall-vizzju tad-droga li huwa għandu, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament meħtieġ u adattat biex jiġu indirizzati l-

problemi li huwa għandu, ossia d-diffikultà biex jikkontrolla r-rabja tiegħu u l-vizzju tad-droga li huwa għandu.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Frances Camilleri. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Ordni ta' Probation, tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin annessi magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**